**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit**

Il-Pulizija
(Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi)

Vs

Haj Habbo Adnan

Illum 13 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti :-

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Haj Habbo Adnan, imwieled is-Sirja fil-5 ta' Awwissu, 1989 u residenti 15, Triq Brittanja, Paola, u detentur ta' l-karta ta' l-identita' numru 0104112 A.

Akkuzat talli fit-8 ta' Mejju, 2017 ghal habta ta' 16.30 hrs fi Triq ta' l-Barrani, Zejtun saq il-vettura bin-numru ta' r-registrazzjoni DNS 555;

1. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza.
2. U aktar talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;
3. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;
4. U b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna hruq jew ghamel xi hsara jew gharraq xi haga u minhabba f'hekk Roger Spagnol bata offiza gravi fuq il-persuna tieghu, liema offiza gabu l-konsegwenzi imsemmija fl-artiklu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skont kif iccertifika Dr. Chris Giordimania MD mill-MDH;
5. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta'

hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habit ma' vettura numru RME 100 u involontarjament ikkaguna ħsara ghad-dannu ta' Roger Spagnol.

Il-Qorti:

Rat il-PIRS report, l-isketch, ic-certifikat mediku ta' Rogel Spagnol, l-affidavit ta' Dr. Chris Giorgimaina.

Waqt is-seduta l-imputat peress li ma jifhimx bil-lingwa Maltija gie mghejun mill-interpretu Nazmi Houto li ghamillu traduzzjoni mill-lingwa Maltija ghal dik Gharbija u vice versa.

Xehed bil-gurament PS 1298 fejn ezebixxa sketch korrett peress li dak fl-atti kien imwaħħal ħazin u bil-kontra.

Xehdu bil-gurament ukoll Lauren Victoria Pulis u Roger Spagnol.

Dr. Jason Grima ghal imputat oggezzjona ghax-xhieda ta' Roger Spagnol peress li huwa kien prezenti ghax-xhieda mismugha sa dak il-mument.

Il-Prosekuzzjoni u l-parte civile jirrimettu ruhhom.

Il-Qorti rat li dan huwa l-parte civile fi proceduri li l-Prosekuzzjoni mexxew ex officio, in oltre a tenur ta' l-istess artiklu kwotat, il-Qorti tqis li x-xhieda tieghu hija indispensabbli u tawtorizza l-istess xhieda.

F'dan l-istadju l-Prosekuzzjoni ghalqet ix-xhieda taghha.

Ghad-difiza tela' jixhed biss l-imputat li indika fuq l-isketch b'sinjal ahmar fejn waqaf fit-triq.

Saret it-trattazzjoni tal-partijiet.

Il-Qorti tikkundanna ghal ewwel tlett imputazzjonjiet multa ta' €1,164.69, ghar-raba' imputazzjoni tikkundannah ghal multa' ta' € 2329.39 u ghal ħames imputazzjoni tikkundannah ghal €500.

DR. YANA MICALLEF STAFRACE
MAGISTRAT